**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Lulju 2025**

**Rikors Numru 158/2024**

**Peter Darmanin (K.I. 550639M) f`ismu proprju u għan-nom tas-Soċjeta` San Guliano Catering Limited (C7464)**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Peter Darmanin pro et noe** fl-24 ta' Diċembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi hu u s-socjetá minnu rapprezentata jiggestixxu negozju San Guliano u Raffael fil-bajja ta' Spinola, San Giljan.*

2. *Illi l-arja in kwistjoni hija assoggettata ghall-turizmu qawwi u importanti ghall-ekonomija tal-pajjiz.*

3. *Illi n-negozju fuq imsemmi huwa gestit minnhom u ghandu titolu ta' koncessjoni enfitewtika temporanja liema cens annwu u temporanju jithallas lill-Awtoritá tal-Artijiet oltre li ghandhom ukoll permessi ghall-imwejjed u siggijiet fuq bazi ta encroachment annessi ma' din il-koncessjoni enfitewtika temporanja biex jitmexxa n-negozju.*

4. *Illi biswit din il-koncessjoni enfitewtika temporanja u tmiss maghha hemm struttura zghira li kienet okkupata b'mod abbuziv u llegali minn certu Cuschieri li llum huwa mejjet peró li fuq l-istess struttura r-rikorrenti qatt ma cedew il-proprjetá tant illi dejjem hadu hsieb jabbellixxuha billi ghamlu manutenzjoni ta' membrane fuq is-saqaf biex jitpoggew qsari dekorattivi biex isebbhu l-ambjent tal-madwar.*

5. *Illi wara l-mewt tal-imsemmi Cushcieri, r-rikorrenti riedu jirregolarizzaw il-pozizzjoni ta' din il-kamra li huma jikkontendu li bnew u dan fil-perjodu meta huma kienu hadu l-koncessjoni*

*enfitewtika temporanja u l-Public Works kien abbellixxu l-madwar kif ukoll il-mollijiet u l-access tas-sajjieda.*

6. *Illi din il-kamra hija utli ghall-istess negozju u ma jaghmilx sens illi l-uzu taghha tkun oltre dak li ghandu x jaqsam mat-turizmu u l-gestjoni tar-restoranti imsemmija.*

7. *Illi t-tenement number huwa maghruf bin-numru 079629 skont file number L/120/2001/3.*

8. *Illi fit- 12 ta' Dicembru, 2024 l-Awtoritá tal-Artijiet irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrenti stante li gie dikkjarat illi din il-kamra zghira hija diga posseduta bl-abbelliment li sar fuqha mir-rikorrenti ghall-uzu ta' entitá pubblika.*

9. *Illi l-uzu pubbliku li wiehed jimmagina li jista jsir fil-fond in kwistjoni m'ghandux utilita ghat-turizmu u se jkun ta' pregudizzju ghall-ikbar industrija li ghandna f'pajjizna kontra l-interess tal-gid komuni.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jappellaw minn din id-decizjoni mehuda mill-Awtoritá tal-Artijiet fit-12 ta' Dicembru, 2024 koncernanti t-tenement number 079629 skont file number 120/2001/3 (GLA1/2024/0137) biex din il-kamra in kwistjoni tigi mghoddija b'titolu ta' kera u anké u /jew encroachment lir-rikorrenti ghall-abbelliment tal-bajja ta' Spinola, San Giljan, fl-interess tat-turizmu u tal-gid komuni.***

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tal-Artijiet** ppreżentata fil-15 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Peter Darmanin detentur tal-karta tal-identità bin-numru 550639M, f'ismu propju u għan-nom tas-soċjetà San Guliano Catering Limited (C7464) reġistrat fil-Qrati tal-Ġustizzja (Malta) nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024).*

2. *Illi r-rikorrent permezz t'applikazzjoni intavolata mal-Awtorità intimata bin-numru GLA/2024/0137, talab l-"Acquisition of room at Xatt is-Sajjieda San Giljan" tramite il-Perit Ray DeMicoli.*

3. *Illi b'ittra datata nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) l-Awtorità intimata bagħtet tinforma lir-rikorrent illi l-applikazzjoni tiegħu kienet qed tiġi rifjutata a bażi illi "The requested property is reserved for use by a public entity". Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK: LA1**".*

4. *Illi l-applikant ħassu aggravat u interpona dan l-umli appell.*

***L-applikazzjoni GLA1***

1. *Illi l-Awtorità tixtieq tibda billi tirrileva illi l-applikant **minn jeddu** għamel applikazzjoni titolata "GLA 1".*
2. *Illi b'referenza għas-sit elettroniku (u li allura huwa sit pubbliku li jista' jarah u jaċċessah kullħadd) https://onlineportal.landsauthority.org.mt/Application/GLA1 din l-istess applikazzjoni taqra illi l-GLA1 hija applikazzjoni sabiex tagħmel "Request to The Lands Authority for The Disposal of Government Property in Terms of Articles 31 (a) Or 31(b) Of Chapter 573 Of the Laws of Malta". Ara dokument hawn anness u mmarkati bħala "**DOK: LA2**".*

3. *Illi kull applikazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Artijiet, turi lil kull applikant li juri l-interess tiegħu għall-propjetà tal-gvern, id-dettalji ta' kull applikazzjoni u **speċifikament** meta tista' tagħmel tali rikjesta.*

4. *Illi fil-każ in eżami t-titlu ta' din l-applikazzjoni ma taqrax biss rikjesta lill-Awtorità tal-Artijiet għall-propjeta tal-Gvern, imma miżjud mat-titlu jinsab ai termini ta' liema kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta din l-applikazzjoni tapplika u saħansitra ai termini ta' liema artikoli tal-istess liġi.*

***Punti Legali***

1. *Illi referenza ssir Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-Att Dwar Artijiet Tal-Gvern.*

2. *Illi l-artikolu wieħed u tletin (31) ta' dan l-att jirreferi għall-modi kif jistgħu isiru t-trasferimenti u jibda billi jaqra:*
   *"Ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern, **ma tista' tiġi trasferita** kemm-il darba dak ittrasferiment ma jsirx skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:" [enfasi tal-espoenti].*

3. *Illi artikolu wieħed u tletin subinċiż a (31)(a) u l-artikolu wieħed u tletin subinċiż b (31)(b) jaqraw:*

a) *"wara sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta u mill-inqas darba waħda f'żewġ ġurnali lokali ta' kuljum jew tal-Ħadd dwar il-proprjetà li tkun ser tiġi trasferita; jew"*

b) *"wara avviż ta' trasferiment b'irkant skont ma jiġi ppubblikat fil-Gazzetta u mill-inqas darba waħda f'żewġ ġurnali lokali ta' kuljum jew tal-Ħadd għar-rigward tal-proprjetà li tkun ser tiġi trasferita:*
   *Iżda ebda art ma tkun tista' tiġi hekk trasferita jekk ma tkunx f'żona ta' żvilupp ta' bini skont xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien:*
   *Iżda wkoll il-Ministru responsabbli għall-artijiet jista' b'regolamenti jistabbilixxi l-mod u l-proċedura kif għandu jsir bejgħ bl-irkant bħal dak;".*

4. *Illi allura id-dettami f'dawn l-artikoli huma ben ċari.*

5. *Illi rigwardanti dan il-lok partikolari la kien hemm sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta u mill-inqas darba waħda f'żewġ ġurnali lokali ta' kuljum jew tal-Ħadd u lanqas xi avviż ta' trasferiment b'irkant skont ma jiġi ppubblikat fil-Gazzetta u mill-inqas darba waħda f'żewġ ġurnali lokali ta' kuljum jew tal-Ħadd għar-rigward din il-proprjetà.*

6. *Illi meta l-applikant applika bil-GLA1, kien jew seta kien jaf jekk fil-każ tiegħu l-applikazzjoni GLA1 kinetx tapplika għall- proprjetà li kellu interess fiha.*

7. *Illi fuq kollox meta l-Awtorità tal-Artijiet irrifjutat l-applikazzjoni odjerna, hija ħadet id-deċiżjoni tagħha wara li kkunsidrat il-fatturi kollha relatati ma dan il-każ u wara li aċċertat ruħha illi kienet konformi mal-liġi.*

***<u>Bonus paterfamilias</u>***

1. *Illi l-Awtorità tal-Artijiet għandha l-irwol u obbligu li tamministra l-art tal-Gvern bl-aħjar mod possibli u għandha taġixxi bħala bonus paterfamilias u dawn id-dmirijiet u obbligazzjonijiet huma naxxenti mill-liġi u proprju Artiklu 7 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta u Artiklu 3 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi huwa l-irwol tal-Awtorità ai termini tal-liġi suċitata li tassigura li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika inkluż dik odjerna, u dan skont iċ-ċirkostanzi kemm tal-art partikolari u kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-pubbliku u dan f'sintonija ma' dak li jrid il-Kapitolu 563 ossia ukoll id-dmir tal-Gvern li jottimizza r-riżorsa tal-art.*
3. *Illi b'riferenza għal- "John Dalli (K.I. 851948M) u Louisa Dalli (K.I. 329581M) ('l-appellanti') vs. L-Awtorità tal-Artijiet" deċiża nhar it-tletin (30) ta' Novembru, tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), il-Qorti tal-Appell qalet "Hija prerogattiva tal-Awtorità tal-Artijiet bħala amministratriċi tal-art pubblika, li tara kif tista' timmassimizza l-benefiċċju u l-użu tal-art pubblika, anki sabiex taqdi l-obbligu l-ieħor impost fuqha li tamministra l-art pubblika bħala bonus paterfamilias."*

4. *Illi għalhekk kuntrarjament għal dak li l-appellant jirrileva d-deċiżjoni tar-rifjut tal-Awtorità tal-Artijiet, ma hix waħda inġusta.*

5. *Illi għalhekk it-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità hija waħda:*

*a) ġusta fil-forma u fis-sustanza liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti u tinkludi raġuni skont il-prinċipju amministrattiv stabbilit, "the duty to give reason";*

*a. li l-Awtorità intimata ħadet fil-limiti tad-diskrezzjoni tagħha.*

*Għaldaqstant l-Awtorità esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a formali konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi r-raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tal-*

*Awtorità tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni GLA1/2024/0137 meħuda nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024).*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li ċaħdet talba tiegħu sabiex kamra li tinsab f'Xatt is-Sajjieda, San Ġiljan tiġi akkwistata minnu, bir-raġuni tar-rifjut tkun illi l-istess kamra kienet qed tiġi riservata għall-użu ta' entita` pubblika.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri rriżulta li l-entita` pubblika msemmija fid-deċiżjoni appellata huwa d-Dipartiment tat-Tindif.

**Noel Gauci**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi l-kamra in kwistjoni kienet inbniet fl-1988/89 bħala parti minn proġett tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet fejn l-istess Dipartiment kien bena l-istess kamra flok oħra tal-injam li kienet tintuża minn sajjied.[1] Is-Sur Gauci spjega li għalkemm meta applika r-rikorrent ma kienx għad hemm talba da parti tad-Dipartiment tat-Tindif, minn żmien għal żmien l-istess Dipartiment iressaq talbiet magħhom għal kmamar biex ipoġġu l-makkinarju u għodda fihom. Di fatti malli l-Awtorita` staqsiet lid-Dipartiment tat-Tindif jekk kellhomx bżonn il-kamra in kwistjoni, huma kkonfermaw li fil-fatt kellhom bżonnha.[2] Spjega wkoll illi s-sajjied li kien jokkupa l-istess kamra ma kellux kirja rikonoxxuta mill-Awtorita`.

**Ir-rikorrent Peter Darmanin** xehed illi kien huwa li bena l-kamra in kwistjoni wara li ġab permess mingħand il-Gvern sabiex ukoll jabbellixxi s-saqaf tagħha bi pjanti u fjuri. Stqarr li dan il-permess ingħata lilu mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-1990. Dwar dan huwa esebixxa ftehim mhux iffirmat datat 29 ta' Mejju 1990.[3] Di piu` stqarr illi permezz ta' emejl datata 6 ta' Ottubru 2012, is-

[1] Ittra a fol. 50
[2] Emejl a fol 48
[3] Dokument PD1 a fol. 54

Sur Albert Mamo, Kummissarju tad-Dipartiment tal-Artijiet, ma kien sab ebda oġġezzjoni li jpoġġi qsari fuq il-bejt tal-kamra in kwistjoni sakemm dawn ma jikkawżawx ħsara fl-istess kamra.[4] Dan kollu ġie konfermat b'ittra tas-7 ta' Frar 2013.[5] Is-Sur Darmanin stqarr illi huwa dejjem żamm din il-kamra f'kundizzjoni tajba u li d-Dipartiment tal-Artijiet kien talbu biex iħalli lis-sajjied li kien hemm fiha jużaha. Huwa stqarr li ma jagħmilx sens li l-Awtorita` tgħaddi din il-kamra lid-Dipartiment tat-Tindif f'post turistiku biex taħżen l-iskart u ż-żibel. Għaldaqstant huwa qed jippretendi li din il-kamra tiġi użata minnu ladarba kien ħallas għall-bini tagħha u dejjem żammha fi stat tajjeb.

Ir-rikorrent ipproduċa bħala xhieda żewġ sajjieda li stqarru li meta nbniet il-kamra in kwistjoni huma raw lir-rikorrent fuq il-post jgħid lill-ħaddiema x'għandhom jagħmlu u jagħtihom id-direzzjonijiet kif kellha tiġi l-kamra.

Ir-rikorrent pproduċa wkoll lil **Duncan Hall,** Assistent Direttur fid-Dipartiment tat-Tindif, li xehed illi riċentement id-Dipartiment kien applika mal-Awtorita` intimata sabiex id-Dipartiment jiġi allokat il-kamra in kwistjoni.[6] Xehed illi d-Dipartiment m'għandu ebda faċilita` f'San Ġiljan u li l-iktar faċilita` viċin kienet Pembroke. Spjega li fl-*area* ta' San Ġiljan hemm madwar erbgħin (40) ruħ jaħdmu li jkollhom bżonn fejn jistorjaw l-affarijiet li jaħdmu bihom. Spjega li preżentement jekk il-ħaddiema ta' San Ġiljan ikollhom bżonn xi għodda jridu jmorru għaliha l-*hub* ta' Raħal Ġdid. Spjega in oltre li fl-aħħar sena u nofs id-Dipartiment espanda u kienu qed jippruvaw jidentifikaw *hubs* minn fejn setgħu joperaw. Fir-rigward tal-kamra in kwistjoni, is-Sur Hall spjega li din tinsab f'post strateġiku u se tintuża għal apparat li jintuża mill-*beach cleaners*.

Ir-rikorrent ipproduċa wkoll bħala xhud lil uffiċjal tad-Direttorat tal-Agrikoltura sabiex jixhed dwar ittra mibgħuta lilu fl-4 ta' Mejju 1990, liema ittra kienet iffirmata minn ċertu J. Borg għan-nom tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd.[7] Madanakollu x-xhud ma kien jaf jagħti ebda informazzjoni dwar il-kontenut tal-istess ittra u li ħadd mill-uffiċjali li preżentement jaħdmu fid-Dipartiment ma jiftakru dwar xi skema msejjħa *Embellishment Scheme*. Ix-xhud spjega wkoll li ppruvaw ifittxu l-ftehim esebit a fol. 54 pero` ma sabu xejn.

Ir-rikorrent pproduċa wkoll bħala xhud lis-Sindku ta' San Ġiljan **Guido Dalli** li xehed illi huwa offra lill-Ministeru alternattiva għall-kamra in kwistjoni pero`

---

[4] Dokument PD2 a fol. 57

[5] Dokument PD3 a fol. 58

[6] Applikazzjoni a fol. 109

[7] A fol. 158

kien għadu qed jistenna risposta.[8] Spjega li din il-kamra kienet oriġinarjament tal-pjanċi u r-rikorrent irrangaha minħabba r-ristoranti li għandu biswitha. In kontro-eżami wieġeb li hu ma kienx jaf x'titolu kellu r-rikorrent fuq l-istess kamra.

**Ikkunsidra:**

Illi l-fatti ta' din il-kwistjoni huma pjuttost sempliċi u ċioe`:

1. Fl-4 ta' Mejju 1990 id-Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Sajd kien ta permess lis-soċjeta` San Giuliano Catering Ltd sabiex tmantni u ssebbaħ bi qsari s-saqaf ta' *boathouse* ġewwa Triq San Ġużepp San Ġiljan għall-beneficċju tal-pubbliku;
2. Fis-7 ta' Frar 2013, id-Direttorat tal-Artijiet kien ta permess lil Peter Darmanin biex ipoġġi qsari fuq is-saqaf tal-kamra in kwistjoni;
3. Fil-11 ta' Settembru 2024 ir-rikorrent applika biex jakkwista l-kamra in kwistjoni;
4. Fit-12 ta' Diċembru 2024 ir-rikorrent ġie nfurmat bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu stante li l-kamra in kwistjoni kienet se tintuża minn entita` pubblika.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrent ppreżenta ftehim mhux iffirmat minn rappreżentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd li fih hemm imniżżel li kien se jieħu ħsieb it-tisbiħ ta' *traffic island* u *side verge* ġewwa Triq San Ġużepp, San Ġiljan. Dan il-ftehim kien jistipula li kien validu għal sena minn meta jiġi ffirmat u kien suġġett għall-konferma bil-miktub kull sena mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Sajd. Illi t-Tribunal jirrileva illi anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, jingħad illi dan il-ftehim fil-fatt kien iffirmat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Sajd, ma nġabet ebda prova li baqa' jiġi mġedded kull sena kif stipulat fl-istess kuntratt. Kwindi it-Tribunal ma jqisx illi r-rikorrent ġab l-aħjar prova illi huwa għandu xi permess mid-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar is-saqaf tal-kamra in kwistjoni.

Illi għalhekk dak li jirriżula li r-rikorrent għandu huwa permess mogħti fl-2013 mill-Kummissarju tal-Artijiet biex ipoġġi qsari fuq is-saqaf tal-kamra in kwistjoni. Illi t-Tribunal ma jeskludix li r-rikorrent seta' kien hu li bena l-kamra in kwistjoni, pero` mill-provi ma jirriżultax li dan kien sar bl-approvazzjoni ta' xi entita` tal-Gvern. Di fatti mill-ittra tal-eks Ministru Michael Falzon datata 6 ta'

[8] Dokument GD1 a fol. 175

Awwissu 2002[9] esebita mill-Awtorita` intimata jirriżulta illi l-kamra in kwistjoni kienet ġiet mibnija fis-snin 1988/89 minflok kamra tal-injam li kienet użata minn ċertu Alex Cuschieri. Fl-istess ittra jingħad illi *"The store was erected and handed over to Mr. Cuschieri by the Works. Dept. as an alternative store for the wooden shack that Mr. Cuschieri had till then made use of to store his fishing tackle, as the Works Dept. wanted to remove the shack as part of the general upgrading of the area."* Illi t-Tribunal jinnota li fl-ebda mument f'din l-ittra ma jissemma li din il-kamra inbniet a spejjeż tar-rikorrent.

Illi għalhekk dan it-Tribunal se jeżamina jekk l-Awtorita` intimata kinitx raġjonevoli fir-rifjut tagħha tal-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi jibda biex jingħad illi ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita` intimata għandha l-funzjoni "*li tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

L-Awtorita` intimata għandha wkoll id-dover li tamministra l-art pubblika bħala *bonus paterfamilias*. Illi għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, trid teżerċita dik id-diliġenza li tara li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika fl-interess tal-pubbliku in ġenerali. Illi fil-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Awtorita` intimata ma hemm xejn li jmur oltre din il-kompetenza. It-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` intimata hija munita bid-dover li qabel tikkonċedi art pubblika għal għan speċifiku, kif inhu dan il-każ, tqis dak kollu rilevanti qabel tieħu d-deċiżjoni tagħha. Illi fil-każ odjern, l-Awtorita` qieset illi kamra f'żona daqshekk strateġika kien iktar għaqli li sservi bħala *store* għad-Dipartiment tat-Tindif milli għar-rikorrenti li *del resto* diġa' għandu numru ta' konċessjonijiet fuq art pubblika biswit l-istess kamra.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita` intimata kienet l-unika waħda loġika li setgħet tieħu fiċ-ċirkostanzi u dana għaliex jekk l-istess kamra tiġi mgħoddija lir-rikorrent, l-użu tagħha żgur li mhux se jkun "għall-ġid komuni" kif jisħaq ir-rikorrent fid-disa' paragrafu tar-rikors promutur. Lanqas ma

[9] Dokument NG3 a fol. 50

ġie ppruvat li l-istess kamra, jekk tgħaddi għand ir-rikorrent, se tkun fl-interess tal-industrija tat-turiżmu. Il-ġid se jkun biss ghar-rikorrent u jservi biss l-interessi kummerċjali u privati tiegħu u mhux il-ġid komuni jew fl-interess tat-turiżmu. It-Tribunal huwa konvint illi l-użu tal-kamra in kwistjoni jista' jkun ta' benefiċċju ikbar għall-"ġid komuni" jekk il-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Tindif ikollhom lok fejn ipoġġu l-għodda li jaħdmu bihom biex iżommu l-bajjiet nodfa. Dan huwa użu fl-interess tat-turiżmu u għall-ġid komuni. Hawn mhux qed nitkellmu fuq ħażna ta' żibel u skart bħal ma semma r-rikorrent fl-affidavit tiegħu, imma ħażna ta' apparat/makkinarju li jużaw, b'mod speċjali l-*beach cleaners*, fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.

It-Tribunal jagħmel referenza wkoll għas-sottomissjoni li għamlet id-difensur tar-rikorrent dwar id-dritt tal-ewwel rifjut li r-rikorrent ikollu jekk din il-kamra toħroġ b'sejħa għall-offerti. Illi din is-sottomissjoni ma tiċċentra xejn mal-mertu ta' din il-kawża stante li ma ħarġet ebda sejħa għall-offerti u r-reviżjoni li jrid jagħmel dan it-Tribunal huwa biss dwar jekk id-deċiżjoni appellata kinitx ġusta u raġjonevoli meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li kellha quddiemha l-istess Awtorita`.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal ifakkar, kif għamel diversi drabi f'sentenzi oħra, illi ħadd m'għandu jippretendi li xi art pubblika tiġi allokata lilu bi dritt.

Illi għalhekk ma hemm xejn irraġjonevoli jew abbużiv fil-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti pro et noe u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**